Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 1071/2009AE

**Kyle Saliba**

**vs**

**John Borg u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2009 is-socjeta Elmo Insurance Limited intervjeniet *in statu et terminis***

Il-Gimgha, 23 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-4 ta' Novembru 2009, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi fid-9 ta' Mejju 2008, waqt illi l-esponenti kien passiggier fil-vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni JON 701 li kienet qegheda tigi misjuqa mill-konvenut intimat fi Triq Mikelang Vassallo, Gzira, il-partijiet sfaw involuti f'incident awtomobilistiku meta l-konvenut intimat habat f'arblu tad-dawl u l-vettura misjuqa minnu nqalbet; u*

*2. Illi per konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur rikorrenti sofra debilita' permanenti, kif gie debitament certifikat; illi ghalhekk l-attur rikorrenti sofra danni, u tali danni jikkonsistu f'damnum emergens u lucrum cessans, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*3. Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa unikament responsabbli l-konvenut intimat konsegwenza tas-sewqan traskurat u negligent tal-istess konvenut; u*

*4. Illi ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur rikorrenti, il-konvenut baqa' inadempjenti.*

Ghaldaqstant, l-attur jitlob għar-ragunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara lill-konvenut intimat unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fid-9 ta' Mejju 2008, fi Triq Mikelang Vassallo, Gzira, f'liema incident l-attur rikorrenti sofra danni fuq il-persuna tieghu;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rikorrenti b'konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut intimat ihallas lill-attur rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fil-11 ta' Dicembru 2009, il-konvenut John Borg wiegeb:-

*(I) Illi referibbilment ghall-ewwel talba attrici, dina hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-esponenti John Borg ma kienx responsabbli ghall-incident stradali li sehh fid-9 ta' Mejju 2008;*

*(II) Illi t-tieni talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-esponenti;*

*(III) Illi t-tielet talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li ma hemmx danni li ghalihom l-esponenti ghandha tigi kkundannata;*

*(IV) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalsiasi kaz, id-danni mitluba mir-rikorrenti ghandhom jigu ppruvati;*

Fis-17 ta' Frar 2010 is-socjeta intervenuta pprezentat twegiba (fol. 30) fejn qalet:-

1. Kien hemm ksur ta' kundizzjonijiet tal-polza u l-obbligi tal-assikurat taghha, il-konvenut Borg.
2. Jekk ser tkun kostretta thallas xi kumpens lill-attur, ser ikollha dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-konvenut Borg.
3. L-attur irid igib prova tal-htija ghall-incident awtomobilistiku.
4. Fejn jirrigwarda lilha m'hemmx danni x'jigu likwidati.

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet tal-attur u l-konvenut.

**<u>Responsabbilta</u>**.

1. Mill-provi jirrizulta li:-

   (a) Fid-9 ta' Mejju 2008 l-attur kien passiggier fil-vettura Ford Fiesta JON 701 li kienet qeghda tinstaq mill-konvenut fi Triq Mikelang Vassallo, Gzira.
   (b) L-attur ma kienx liebes *seat belt*. Fatt ammess minnu stess waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2015 (ara wkoll skizz Dok. KA1, fol. 86).
   (c) Il-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura li habtet gewwa centre strip u nqalbet.

2. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur argumenta: *"It-triq ma kinitx xotta minhabba ilma tal-isprinklers li kienu qeghdin joperaw fir-roundabout*

*tat-tank tal-gas u anke minn zjut li kien hemm vicin tal-petrol station"*. F'dan ir-rigward:

i. Il-konvenut xehed li f'xi hin wara l-incident kien osserva *"... raxx fit-triq imtella' bir-rih"* (fol. 174). Kompla: *"Nghid l-ilma kien gej mir-roundabout tat-tank tal-gass. Roundabout li kienet fil-fatt ftit iktar l-isfel"* (fol. 175). Pero ma qalx iktar. Fir-rapport tal-pulizija (Dok. C, fol. 6) il-verzjoni li ta l-konvenut hi: *"Driver stated that while he was driving down the road all of a sudden the vehicle started to swerve and ended up hit a pole and overturn. He stated that he was not driving at high speed"*. M'hemmx riferenza ghall-ilma fit-triq.
ii. Mill-provi ma jirrizultax li l-incident sehh fejn hemm ir-roundabout. L-Ispettur Keith Arnaud ikkonferma li r-roundabout tinsab hafna iktar l-isfel mill-post fejn sehh l-incident. Hu evidenti li l-ilma li johrog minn sprinklers li hemm fir-roundabout ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan l-incident, u din hi biss skuza li l-konvenut haseb fiha f'tentattiv fjakk biex jivvinta raguni ghalfejn sehh l-incident.
iii. Ghalkemm omm il-konvenut xehedet li fit-triq rat *"... tracci tad-diesel jew petrol mal-art ukoll",* ma qalitx f'liema parti tat-triq suppost rat dan il-materjal. Il-qorti ghandha dubji serji x'setghet tara fid-dlam. Inoltre, m'hemmx prova li a *tempo vergine* attirat l-attenzjoni tal-pulizija dwar dak li qalet li rat fit-triq.

Il-qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma ressaqx provi sodisfacenti li jikkonvincuha li fil-punt fejn il-vettura qasmet il-karreggata (fol. 86), kien hemm l-art tizloq. L-oneru tal-prova kienet fuqu. M'huwiex bizzejjed li l-konvenut jiddefendi ruhu billi jsostni li l-vettura skiddjat. Irid ukoll: *"jipprova wkoll li l-iskid saret bla ebda htija tieghu izda accidentalment b'mod li l-vettura bla htija tieghu u accidentalment saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilta` kriminali"* (**Il-Pulizija vs Kevin Caruana** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' April 2003). Prova li fil-kaz in ezami ma saritx.

3. Il-konvenut semma wkoll li tant li ma kienx qieghed isuq f'velocita' li ma kienx ircieva citazzjoni b'akkuza ta' speed eccessiv. F'dan ir-rigwardipprezenta Dok. JB1 a fol. 179. Kif tohrog mill-mina li hemm vicin Paceville direzzjoni lejn San Gwann, hemm speed camera. Pero' l-incident sehh distanza mhux zghira mill-punt ta' hrug tal-mina. Hu fatt maghruf li normalment ix-xufiera li jkunu waslu biex jaqbzu speed camera, ighollu saqajhom minn fuq il-pedala tal-accelerator. F'dan il-kaz l-incident ma sehhx vicin l-*ispeed camera*. Ghalhekk 'il fatt li l-konvenut ma giex imharrek dwar sewqan b'velocita iktar milli tippermetti l-ligi, mhi ta' ebda konfort ghad-difiza tieghu. Hu veru li l-konvenut xehed: *"Wara li ghaddejt mill-mina u hrigt mill-mina qed nigi mistoqsi jiena x'ghamilt, jekk zidtx jew naqqast fil-velocita',* ***nghid illi***

***bqajt ghaddej bl-istess velocita"*** (fol. 173). Il-qorti ma temminx li sal-mument tal-incident il-konvenut kien ghadu jsuq bl-istess velocita[1] li kien qieghed isuq meta hareg mill-mina. Fuq bazi ta' probabilta' l-incident sehh minhabba *speed* eccessiv, li hi wahda mill-kawzi ghalfejn isehh *skid*. L-impatt vjolenti, bil-vettura tinqaleb ta' taht fuq tindika wkoll lejn dak ix-xenarju.

**<u>Likwidazzjoni danni</u>**.

4. Fir-rigward tal-uzu tas-*seatbelt*, il-konvenut jargumenta li kien hemm negligenza kontributorja min-naha tal-attur. L-attur xehed: *"Qed nigi mistoqsi jekk niftakarx bhala fatt dan is-seatbelt kienx jiffunzjona, nghid li niftakar bhala fatt li kien idum biex johrog"*[2] . Din id-dikjarazzjoni m'hijiex bizzejjed sabiex il-qorti tasal ghal xi konkluzjoni li *s-seatbelt* kienet difettuza. Fil-kaz **Froom vs Butcher** (1976), Lord Denning osserva:-

   *"The question is not what was the cause of the accident.* ***It is rather what was the cause of the damage****. In most accidents on the road the bad driving which causes the accident also causes the ensuing damage.* ***But, in seatbelt cases, the cause of the accident is one thing. The cause of the damage is another****. The accident is caused by the bad driving. The damage is caused in part by the bad driving of the defendant and in part by the failure of the plaintiff to wear a seatbelt. If the plaintiff was to blame in not wearing a seatbelt, the damage is in part the result of his own fault. He must bear some share in the responsibility for the damage and his damages fall to be reduced to such extent as the court thinks just and equitable"*.

   In kontro-ezami, l-attur xehed (fol. 223):

   *"Assistent Gudizzjarju:*
   *Nghid li l-karozza nqalbet bl-impatt u jiena bqajt fuq is-seat.*

   *Dr Alessia Zammit Mckeon:*
   *U la nqalbet u inti ma kontx marbut nimmagina li inti waqajt 'l isfel, le ?*

   *Assistent Gudizzjarju:*
   *Qed nigi mistoqsi jekk jiena waqajtx 'l isfel peress li ma kellix seatbelt. Nghid illi hekk hu.*

   *Dr Alessia Zammit Mckeon:*
   *Gravity, u inti spiccajt intfajt jew fuq id-dashboard jew fuq il-windscreen. Hux hekk ?*

---

[1] Il-konvenut xehed li kien qieghed isuq b'velocita ta' bejn 50 u 55 kilometru fis-siegha.
[2] Seduta tal-15 ta' Mejju 2012.

*Xhud:*
*Jew fuq is-saqaf.*

*Dr Alessia Zammit Mckeon:*
*Jew fuq is-saqaf.*

*Assistant Gudizzjarju:*
*Ma nistax nindika fuq x'hiex intfajt pero'. Li nista nghid li kelli saqajja illokjata bejn id-dashboard u s-seat".*

Skond ir-rapport tal-esperti medici, il-griehi permanenti li sofra l-attur kienu f'wiccu u jidher li hemm nuqqas ta' sensazzjoni fuq iz-zewg swaba ta' barra tal-pala tas-sieq[3]. Gialadarba l-vettura nqalbet, l-attur ma kienx liebes *seatbelt* u wara li l-qorti qieset dak li xehed l-istess attur in kontro-ezami, tikkonkludi li 'l fatt li ma kienx liebes *seatbelt* ikkontribwixxa ghal griehi li sofra. Ghalhekk f'dan il-kaz il-qorti tqies li hemm element ta' negligenza kontributorja ghad-danni li sofra l-attur u ser tnaqqas 15% mid-danni li ser tillikwida.

5. Ghal dak li jirrigwarda l-konsum tal-alkohol jidher li saru testijiet fuq il-konvenut sabiex jigi determinat x'kien il-livell tal-alkohol. Kopja ta' dawn ir-rizultati ma gewx prezentati. Skond is-Surgent Brian Mifsud fl-ewwel test instab li livell ta' alkohol kien ta' 68 mikrogrammi ghal kull 100 millilitru ta' nifs. Ghalkemm dan ir-rizultat juri livell ta' alkohol iktar milli tippermetti l-ligi lokali, fl-atti m'hemmx provi li dak il-livell ta' alkohol fid-demm jindika stat ta' sokor. Hu xjentifikament maghruf li l-mod kif l-akohol jeffetwa lill-persuni, ivarja. Hekk per ezempju jeffettwa l-piz, l-eta' u x'ikun kiel ftit qabel it-test. Ghal dak li jirrigwarda l-posizzjoni tal-kumpannija assiguratrici fil-konfront tal-assigurat taghha[4], cjoe' l-konvenut, din hi materja li taqa' barra l-parametri ta' din il-kawza. Mill-provi li tressqu l-qorti m'hijiex f'posizzjoni li f'dan ir-rigward tasal ghal xi konkluzjoni.

6. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni:-

i. L-incident sehh fid-9 ta' Mejju 2008, meta l-attur kellu 21 sena.

ii. Il-periti medici nominati mill-qorti rrelataw li l-attur qieghed isofri minn debilita permanenti ta' 12% (fol. 64). Fir-rapport jinghad li l-attur qieghed isofri minn:

*"1. Newropatija trawmatika tan-nervatura mentali (mental nerve) tax-xellug;*

[3] Ara dik il-parti tar-rapport li tirreferi ghall-ezami li sar minn Mr Norbert Vella (fol. 59).
[4] Il-kumpannija li nterveniet fil-kawza qeghda ssostni li l-konvenut kien qieghed isuq taht l-influwenza tal-alkohol u ghalhekk il-polza ma tkoprihix.

*2. Newropatija tramatika tan-nervaturi digitali tar-raba' u l-hames sebgha tal-pala tas-sieq ix-xellugija"* (fol. 60), u cikatrici. Fil-parti konklussiva tar-rapport jinghad: *"Bhala dizabilita' fizika permanenti l-iktar li tidher t'importanza hi c-cikkatrici fil-wicc. Din u l-konsegwenzi psikologici taghha ma jistghux jigu injorati f'zaghzugh ta' din l-eta'"* (fol. 63). Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur ilmenta li "… ma jistax jezercita f'attivitajiet fizici bhala huwa kien jaghmel precedentement ghall-incident", mir-rapport tal-esperti medici jidher mod iehor.

iii. Skond id-dokumenti a fol. 152-164, jirrizulta li l-attur kellu salarju ta' €3.50 fis-siegha. Ghalhekk fuq gimgha xoghol ta' erbghin siegha[5] kellu dhul ta' €140 li f'sena jfissru gross ta' €7,280. Il-kalkoli ser isiru fuq dhul ta' €9,000 fis-sena meqjus li hu probabbli li matul is-snin id-dhul jizdied[6].

iv. Ghal dak li jikkoncerna l-*multiplier*, il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq 32 sena.

v. Minn Dok MF1 (fol. 151) jirrizulta li l-attur kellu l-impjieg tieghu terminat fl-ahhar ta' Mejju 2008 u sussegwentement fit-2 ta' Settembru ta' dik is-sena rega' nghata l-istess impjieg. Jidher li l-attur ghamel numru ta' xhur f'konvalexxenza, li fil-fehma tal-qorti huma ragonevoli meta tqies it-tip ta' griehi li sofra (ara tieni paragrafu tar-rapport mediku Dok. A, fol. 4). L-impjieg tal-attur kien gie tterminat mill-principal tieghu peress li kien tal-fehma li l-attur ma kienx ser jirritorna ghax-xoghol[7]. Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li ghall-perjodu bejn Gunju u Awissu 2008 l-attur ghandu jircievi s-somma ta' €1,817 bhala telf ta' qliegh[8]. Hemm ukoll is-somma ta' €75 li hallas lit-tabib li ghamillu r-rapport mediku datat 26 ta' Marzu 2009 (fol. 4). Minn dawn l-ammonti trid titnaqqas 15% in vista ta' dak li nghad f'paragrafu 4 tal-parti tas-sentenza li titratta l-likwidazzjoni tad-danni. Total ta' **€1,608**.

vi. Id-danni l-ohra ghall-griehi permanenti qeghdin jigu likwidati hekk:-

€9,000 fis-sena x 32 sena = €288,000 x 12% = €34,560 – 15%[9] - 15%[10] = **€24,970**.

---

[5] Norbert Falzon, il-persuna li kienet timpjega lill-attur, ikkonferma li kien jahdem 40 siegha fil-gimgha (fol. 149).

[6] Jirrizulta li matul is-sena 2009 l-attur kellu qliegh gross ta' €8,132.

[7] Ara deposizzjoni ta' Norbert Falzon li qal: *"… kien jidher li huwa ma jistax jerga' jirritorna ghax-xoghol fl-istat li kien fih"* (seduta tat-2 ta' Ottubru 2014).

[8] Lm1.50 x 40 siegha = Lm60 x 13 il-gimgha = Lm780 (€1,817).

[9] Tnaqqis ghal lump sum payment meqjus li l-kawza giet prezentata fl-4 ta' Novembru 2009 u qeghda tigi deciza kwazi sitt snin wara.

**<u>Socjeta intervenuta</u>**.

7. Elmo Insurance Limited ipprezentat twegiba guramentata, meta m'hijiex konvenuta.

8. F'kull kaz dak li jinghad fl-ewwel u tieni paragrafi tat-twegiba m'ghandu l-ebda rilevanza ghal din il-kawza. Il-pretensjoni tal-attur hi kontra l-konvenut Borg. Jekk l-assigurat kiser xi kundizzjoni tal-polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura JON 701, dik hi materja li tikkoncerna lill-konvenut u s-socjeta assiguratrici u ghall-attur hi *res inter alios acta*. Inoltre, Elmo Insurance Limited m'hijiex konvenuta.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur u:-**

1. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tmienja u sebghin ewro (€26,578).**
2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma sitta u ghoxrin elf hames mija u tmienja u sebghin ewro (€26,578).**

**Spejjez a karigu tal-konvenut. Ovvjament is-socjeta ntervenuta, li m'hijiex konvenuta, ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha.**

Anthony Ellul.

---

[10] Negligenza kontributorja fir-rigward tad-danni.